FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2002**

**Numru 6**

**Avviz numru 1473/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurata taghhom Cynthia Maria Fenech**

**vs**

**Publius Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm190.30), danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' Novembru, 1999, gewwa**

**Main Street, Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAL-597 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LAU-513 misjuqa minn u proprjeta` ta' Cynthia Maria Fenech, l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax dekorribbli mid-29 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont huwa dovut kif mitlub fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm190.30), bl-imghax legali mid-29 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**